# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 8 ta' April, 2024.**

**Kawża Nru. 31**

**Rik. Nru. 11/2019 ISB**

**DQR Limited (C84784)**

**DQR-COMPLY Limited (C86368)**

**DQR-MARKETS Limited (C86369)**

**DQR-MEDIA Limited (C86367)**

**DQR-Services Limited (C86366)**

**DQR-X Limited (C84839)**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment tagħha kif diversament preseduta tad-29 ta' Ottubru 2020, li permezz tiegħu l-kumpanniji rikorrenti **DQR Limited (C84784), DQR-COMPLY Limited (C86368), DQR-MARKETS Limited (C86369), DQR-MEDIA Limited (C86367), DQR-Services Limited (C86366)** u **DQR-X Limited (C84839)** kienu dikjarati xjolti minn din il-Qorti u fejn kien ordnat l-istralċ tagħhom.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta' stralċ, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mir-ricevitur uffiċjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari u n-noti minnu mħejjija u ppreżentati.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2021, il-Qorti kienet awtorizzat lill-istralċjarju sabiex jikkonkludi l-inkarigu tieghu a bazi tal-informazzjoni lilu moghtija mill-kontrollur speċjali.

Rat l-aħħar rapporti minnha mħejjija minn fejn jirriżulta illi l-kumpanniji m'għandhomx attiv biex jagħmlu tajjeb għal passiv tagħhom, u gew hemmek elenkati il-kredituri riżultanti illi jibqgħu mhux sodisfatti.

Rat illi l-istess stralċjarju talbet illi r-rapporti minnha mħejjija u kif dikjarat fin-noti tagħha ppreżentati fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2024 (a fol 417 sa 428) ikunu approvati minn din il-Qorti, anke jekk in vista tad-digriet mogħti aktar kmieni llum stess waqt din l-udjenza, bir-remunerazzjoni dovuta lill-istess riċevitur uffiċjali jirriżulta illi lanqas biex jitħallas hu ma hemm biżżejjed fondi.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osservat l-ħtiġijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċjarju sabiex taqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tagħha skont il-liġi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtiġijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi sabiex:

1. **Tapprova** r-rapporti finali tar-riċevitur uffiċjali tas-soċjetajiet **DQR Limited (C84784), DQR-COMPLY Limited (C86368), DQR-MARKETS Limited (C86369), DQR-MEDIA Limited (C86367), DQR-Services Limited (C86366) u DQR-X Limited (C84839)** kif dikjarat fin-noti rispettivi tar-Riċevitur Uffiċjali tal-10 ta' Jannar 2024, inkluż mill-ħlas tar-remunerazzjoni dovuta lill-Uffiċċju tagħha kif degretat aktar kmieni llum f'dawn l-istess proċeduri.

2. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tagħha.

3. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpanniji avviż tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tagħha.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpanniji **DQR Limited (C84784), DQR-COMPLY Limited (C86368), DQR-MARKETS Limited (C86369), DQR-MEDIA Limited (C86367), DQR-Services Limited (C86366) u DQR-X Limited (C84839)** jitħassru mir-Reġistru tal-Kumpanniji b'effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji l-ordni ta' tħassir tal-kumpanniji **DQR Limited (C84784), DQR-COMPLY Limited (C86368), DQR-MARKETS Limited (C86369), DQR-MEDIA Limited (C86367), DQR-Services Limited (C86366) u DQR-X Limited (C84839).**

6. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iħares dik l-ordni.

7. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mir-rikorrenti flimkien u *in solidum* bejniethom.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Registratur** |